**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 223/2015**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mohammed Kouruma**

Illum, 24 ta' Settembru 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Mohammed Kouruma, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 36689(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja talli fis-26 ta' Frar 2015 u fil-ġranet ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, f'ħinijiet u f'postijiet diversi madwar Malta:

1) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta

li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu.

2) Kellu fil-pussess tiegħu id-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.
3) Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, bi ksur ta' l-Art. 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.
4) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-Art. 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tiegħu f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.
5) Tali kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet tal-liberta' provizorja mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja preseduta mill-Maġistrat Dr Miriam Hayman LL.D u datata 1 ta' Frar 2011 u kif emendat sussegwentement.
6) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa, distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu iz-zgħazagħ bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Marzu 2021, fejn il-Qorti, wara li rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata 20 ta' April 2018 u senjatament l-Artikoli 17(b) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll wara li rat Taqsimiet IV u VI, Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Mohammed Kouruma ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundanatu għal perijodu ta' tliet (3) snin priġunerija , kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' tlett elef

Ewro (€3,000.00). Illi, ukoll il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti f'dawn il-proċeduri, u ċioe is-somma ta' erba t'elef, mija u tnejn u tmenin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€4182.37). Illi, il-Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga eżebita (u tal-affarijiet relatati magħha) hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi Proces Verbal li jiddokumenta l-proċedura ta' distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax -il jum minn tali distruzzjoni. Illi, finalment, il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-ħati.

Rat ir-rikors tal-appellant Mohammed Kouruma, ippreżentat fil-5 ta' April 2021, fejn talab lil din l-Qorti:

i) Tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tas-16 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Maġistrat Dr Neville Camilleri fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement bl-akkoljiment ta' l-ewwel aggravju tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni jew ħtija, jew
ii) Jekk din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess fl-ewwel aggravju, allura tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tas-16 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Maġistrat Dr Neville Camilleri fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement bl-akkoljiment tat-tieni aggravju tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni jew ħtija, jew
iii) Jekk din il-Qorti ma taqbilx ma' dak sottomess fl-ewwel zewġ aggravji, allura tvarja s-sentenza tas-16 ta' Marzu 2021 fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali per Maġistrat Dr Neville Camilleri fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet wieħed sa' ħamsa miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement bl-akkoljiment tat-tielet aggravju tillibera lill-appellant mis-sitt imputazzjoni ossia l-gravam tal-mitt metru u konsegwentement taġġusta l-piena.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, **fl-ewwel aggravju** mressaq mill-appellant, huwa jibda billi jisħaq illi l-Qorti hija marbuta bl-artikoli tal-liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għal ġudizzju u dan meta tiġi biex tiddeċiedi dwar liema reati l-persuna akkużata għandha tiġi ġġudikata. Huwa jkompli billi jgħid li meta l-Avukat Ġenerali joħroġ n-nota ta' rinviju għal ġudizzju, jew kontro-ordni, fejn jindika lill-Qorti ir-reati li dwarhom tista' tinstab ħtija, allura dik il-Qorti hija marbuta b'dawk l-artikoli tal-liġi hemmhekk indikati, u l-akkużat ma jistax jinstab ħati ta' reati mhux indikati mill-Avukat Ġenerali. L-appellant jilmenta illi, f'dan il-kaz, ladarba l-Avukat Ġenerali naqas li jagħmel referenza speċifika għal xi artikolu tal-liġi tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fl-Ordni maħruġa minnu, huwa ma setax jinstab ħati tal-imputazzjonijiet li jemerġu mill-istess Liġi.

Illi minn eżami tal-atti proċesswali jemerġi illi fis-sitta u għoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015), l-Avukat Ġenerali, ai termini tas-subartikolu (2) għall-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) ordna li l-imputat Mohammed Kouruma jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwieġeb għall-akkuzi miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti ta'l-istess Ordinanza[1]. Illi, sussegwentement, fl-għoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u tmintax (2018), l-Avukat Ġenerali, bis-saħħa tas-subartikolu (2) għall-Artikolu 22 u tal-Artikolu 31 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta), ordna sabiex l-imputat Mohammed Kouruma jiġi pproċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti ta'l-istess Ordinanza (a folio 347 ta' l-Atti Proċesswali), dak li komunement jissejjaħ il-"kontro-ordni" w għalhekk bagħat l-atti

[1] Fol.3 tal-atti

tal-kumpilazzjoni kontra l-appellant quddiem l-istess Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali w dana billi ddecieda li ma jqiegħedx lill-appellant taħt att t'akkuża peress illi kienu jonqsu ċ-ċirkostanzi li jagħmlu l-ħtija ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali.[2] Ukoll, fl-istess ordni, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-appellant fit-termini ta'l-artikolu 370(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali nota ta' rinviju għal ġudizzju fejn indika dawk l-artikoli tal-liġi li dwarhom setgħet tinstab ħtija għal reati li jaqgħu taħt il-Kodiċi Kriminali.

Illi minnufih il-Qorti tiddikjara illi d-difiża ma għandiex raġun f'dan l-ilment minnha ventilat. Illi l-artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jiddipsoni illi:

> **"Minkejja li l-Avukat Ġenerali jkun ordna skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(2), li persuna tiġi proċessata mill-Qorti Kriminali, huwa jista', f'kull żmien qabel ma jippreżenta l-att tal-akkuża, jew f'kull żmien wara li jippreżenta l-att tal-akkuża u qabel ma jintagħżel il-ġuri, u bil-kunsens tal-akkużat, jordna li dik il-persuna tiġi proċessata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u malli jsir dak l-ordni l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tkun kompetenti li tipproċessa lil dik il-persuna daqs li kieku ma jkun ingħata ebda ordni qabel. Meta l-Avukat Ġenerali jkun ta ordni ġdid bħal dak wara l-preżentata tal-att tal-akkuża, ir-reġistratur tal-Qorti Kriminali għandu jara li l-inkartament jintbagħat lill-Qorti tal-Maġistrati, u jara li kopja tal-ordni tal-Avukat Ġenerali tiġi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija."**

Illi dan ifisser illi l-leġislatur ma jindika imkien fil-liġi li għandu jseħħ dak indikat mill-appellant f'dan l-aggravju minnu ntentat u ċioe' illi fil-kontro-ordni maħruġ mill-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-setgħa mogħtija lilu fil-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa kellu xi obbligu jindika dawk id-diżposizzjonijiet ta'l-Ordinanza li jikkontemplaw ir-reati li jaqgħu taħt din il-Liġi u li dwarhom setgħet tinstab il-ħtija[3].

Jikkonsegwi għalhekk li l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda impediment li ssib ħtija a rigward reati addebitati lill-appellant li kienu jaqgħu taħt il-provvedimenti tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[2] Fol.347 Vol.3 tal-atti proċesswali

[3] Ara similiment sentenza"Il-Pulizija vs Matthew Zarb" deċiza App. Inf. nhar it-2 ta' Marzu 2021,

Illi l-Qorti finalment ħadet konjizzjoni ġudizzjarja tas-sentenzi ċċitati mill-appellant fir-rikors tiegħu tal-appell u dan in sostenn tal-aggravju mressaq minnu fosthom "Il-Pulizija vs David Norbert Schembri"[4], "Il-Pulizija vs Johann Calleja"[5], "Il-Pulizija vs Paul Michael Kavanagh"[6], "Il-Pulizija vs Charmaine Grima"[7] u "Il-Pulizija vs Romeo Bone et"[8], u tqies illi dawn is-sentenzi huma għal kollox irrelevanti għal lanjanza mertu tal-ewwel aggravju stante li l-akkużi miġjuba f'dawn il-kawżi ma kienux jirrigwardaw reati li jaqgħu taħt il-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. **Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant.**

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-**tieni aggravju** tiegħu, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma tatx piz biżżejjed lin-nuqqas minn naħa tal-Prosekuzzjoni li tressaq prova dwar xi marki ta' swaba li setgħu jorbtu lill-appellant mas-sejba tad-droga li saret mill-investigaturi. Huwa jargumenta li l-fatt li ma nstabu l-ebda impronti diġitali appartenenti lilu fuq l-oġġetti elevati mill-pulizija mill-appartament u l-vettura tiegħu, juri biċ-ċar li tali oġġetti ma kienux jappartjenu lilu iżda lil terza persuna.

Illi l-appellant għalhekk jilmenta illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li fil-fehma tiegħu ma kenux iwassal għar-reita'. Illi għal dan il-għan il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex jiġi mistħarreġ jekk l-Ewwel Qorti, fid-dawl tal-provi li kellha quddiemha setatx legalment u raġonevolemnt issib ħtija fl-appellant għar-reati lilu addebitati[9].

---

[4] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminal fit-18 ta' Frar 2020.
[5] Deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-11 t'Awwissu 2009.
[6] Deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru 2012.
[7] Deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-20 t'April 2012.
[8] Deċiza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Settembru 2011.
[9] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

L-appellant jiġi mixli bir-reat tal-pussess aggravat tad-droga kokajina u erojina, kif ukoll tal-pjanta tal-kannabis u tar-raża meħuda mill-istess pjanta. Dan seħħ wara illi nhar is-26 ta' Frar 2015, waqt li l-Pulizija ta' l-Iskwadra ta' kontra d-Droga kienu qed jagħmlu xi osservazzjonijiet fi Triq l-Alka, San Pawl il-Baħar, waqqfu lill-appellant li kien jabita ġewwa l-fond "*The Meadows*", Flat Numru 42, Triq l-Alka, San Pawl il-Baħar. Fl-istess appartament nstabu diversi sustanzi suspettati droga kif ukoll is-somma ta' €2,100 fi flus kontanti, diversi telefowns ċellulari, madwar mitt (100) borża *sealable* trasparenti vojta, zewġ mwieżen u *crusher*.

Illi mir-rapport[10] tal-espert maħtur fl-*in genere*, l-Ispiżjar Godwin Sammut jirriżultaw is-segwenti konklużjonijiet forensiċi:

> **(a) Illi fuq estratti mehuda mis-sustanzi ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 094_15_03 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-piz total tas-sustanzi kien ta' 54.87 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 6.5%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**
>
> **(b) Skond il-Malta National Report 2014 il-valur ta' cannabis resin huwa ta' €21 kull gramma. Dan jaghti valur total ta' €1,152.27.**
>
> **(c) Illi fuq estratti mehuda mill-haxix ta' lewn ahdar li hemm fid-dokument 094_15_03 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol. Il-piz total tal-haxix kien ta' 166.18 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 6.0%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tall-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**
>
> **(d) Skont il-Malta National Report 2014 il-valur tal-cannabis herb huwa ta' €25 kull gramma. Dan jaghti valur total ta' €4,154.50.**
>
> **(e) Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fi-ddokument 094_15_03 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz tattrab kien ta' 22.22 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 16%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**
>
> **(f) Skont il-Malta National Report 2014 il-valur tal-Kokaina huwa ta' €50 kull gramma. Dan jaghti valur total ta' €1,111. 26**
>
> **(g) Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 094_15_03 instabet is-sustanza Eroina. Il-piz tattrab kien ta' 34.37 grammi u**

[10] a fol. 88 et tal-Atti Proċesswali – Dok. GS.

**l-purita' kienet ta' cirka 20%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**(h) Skont il-Malta National Report 2014 il-valur ta' Kokaina huwa ta' €58 kull gramma. Dan jaghti valur total ta' €1,993.46.**

**(i) Illi fuq swabs mehuda mill-crusher u minn fuq mizien li hemm fid-dokument 094_15_03 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol.**

Dan ifisser illi d-droga misjuba fl-appartament fejn kien jirrisjedi l-appellant kienet tikkonsisti f'sustanzi stupefaċjenti ipprojbita fil-liġi. Issa huwa minnu dak li jikkontendi l-appellant illi minn eżami forensiku tal-impronti diġitali elevati mill-uffiċjali tax-xena tar-reat, kif ukoll minn eżami tekniku tat-telefowns ċellulari elevati, ma ħarġet ebda prova li titfa' xi dawl fuq il-mertu tal-każ. B'daqshekk, madanakollu, ma jfissirx illi dawn il-provi forensiċi huma l-uniċi provi li hemm fl-atti. Apparti s-sejba tad-droga kif ingħad fl-appartament fejn jirrisjedi l-appellant, l-Ewwel Qorti kienet ukoll mogħnija bix-xiehda tal-pulizija li mexxew l-investigazzjoni u fuq kollox bil-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellant innifsu. L-appellant jagħti il-verżjoni tal-fatti tiegħu f'żewġ okkażżjonijiet – l-ewwel darba fl-istqarrija rilaxxata lill-investigaturi nhar is-26 ta' Frar 2015 u t-tieni darba meta jixhed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti nhar id-29 ta' Jannar 2020, meta allura jagħżel li jirrinunzja għall-jedd tiegħu ghas-silenzju. Illi l-Qorti tirrileva f'dan ir-rigward, illi għalkemm fiż-żmien meta l-istqarrija ġiet rilaxxata mill-appellant huwa ma kellux il-jedd li jkollu avukat preżenti miegħu waqt l-interrogatorju, kienet id-difiża stess li stiednet lill-Ewwel Qorti tqies dak dikjarat mill-appellant fl-imsemmija stqarrija u dan meta ġie hekk ivverbalizżat fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2021[11]:

**"Id-difiza qed tistieden lill-Qorti sabiex tieħu konjizzjoni tal-istqarrija rilaxxata mill-imputat u li tinsab a folio 15 et seq tal-proċess".**

Illi eżaminati allura dawn iż-żewġ verżjonijiet li l-appellant jagħti tal-fatti tal-każ l-Qorti tistqarr minnufih li ma tistax ma tosservax li hemm diskrepanzi kbar bejniethom, liema diskrepanzi jxejnu l-kreddibbilita' tiegħu. Fl-istqarrija, li ittieħdet *a*

[11] Fol.390 tal-proċess

*tempo vergine*, l-appellant meta mistoqsi  għar-rigward tad-droga li nstabet fir-residenza tiegħu, iwieġeb:–

***"Xaħad tagħomli biex inzommhom".***

Huwa jkompli jelabora fuq l-istess u jgħid li l-persuna li kienet tatu d-droga kien ċertu 'Johnny' li kien iswed, mill-Ghana imma kellu dokumenti Taljani u kien joqgħod Buġibba. Huwa kompla jgħid li kien ltaqa' ma dan 'Johnny' ġewwa bar f'Buġibba fejn dan ta' l-aħħar qallu li ma kellux fejn joqgħod u minħabba f'hekk l-appellant daħħlu joqgħod għandu għal perijodu ta' xahrejn jew tlieta. L-appellant ikompli jispjega li qabel dan 'Johnny' mar lura l-Italja huwa ħalla d-droga misjuba mill-pulizija warajh fl-appartament. Aktar il-quddiem l-appellant jerġa jtenni hekk:-

***"Jiena ngħin lil dan John biex inbiegħ id-droga għax huwa ċempilli u qalli biex nassistieħ".***

Madanakollu meta mbagħad l-appellant jixhed *viva voċe* quddiem l-Ewwel Qorti, huwa jbiddel din il-verżjoni tal-fatti. Fl-ewwel lok issotni illi 'Johnny' għex miegħu għal sentejn u mhux kif indika fl-istqarrija għal perijodu ta' xahrejn/tlieta. Lanqas ma ma kien kapaċi jelabora u jagħti dettalji dwar dan l-istess 'Johnny', li jibqa' persuna injota. Fix-xiehda tiegħu jiċħad li kien għen lil 'Johnny' ibiegħ id-droga, iżda biss li kien ospitah fl-appartament tiegħu. *Viva voce* kompla jinnega li hu kellu xi forma ta' konnessjoni mad-droga in kwistjoni, infatti jsostni:

***"Le le hu ma kien qatt jitlobni biex ngħinu fid-distribuzzjoni tad-droga imma biex nippermettilu biex jorqod hemmhekk għax ma kellux fejn jorqod"***.

Illi, diskrepanza oħra li l-Qorti tinnota hija dik li fl-istqarrija, l-appellant jafferma li huwa jpejjep il-kannabis, iżda  meta huwa jixhed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, huwa jistqarr li ma jabbużax mid-droga.

Illi għalhekk din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tqies illi l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellant ma hija xejn kredibbli u ma jirnexxielux għalhekk jilħaq il-grad tal-prova meħtieġa minnu fil-liġi,u  ċioe', li jipprova sal-grad tal-probabbli li d-droga mixxellanja li instabet fl-appartament fejn jirrisjedi ma kenitx tappartjeni lilu. Ibda biex huwa kemmxejn inverosimili li l-appellant ospita persuna fl-appartament tiegħu għal ċertu tul ta' żmien mingħajr lanqas biss jaf id-dettalji personali tiegħu u

għalhekk mingħajr ma hu kapaċi iforni provi dwar fejn tista' tinstab din il-persuna. Huwa ukoll inverosimili kif dan 'Johnny' jitlaq minn Malta u jħalli kwantita' konsiderevoli ta' droga warajh, flimkien mal-parafernalja kollha marbuta mat-traffikar ta'l-istess. Kif lanqas jagħmel sens illi l-appellant baqa' jaħżen din id-droga meta kien jaf li dan il-pussess kien kontra l-liġi u li għalhekk seta' jwasslu fl-inkwiet mal-pulizija. Fuq kollox, imbagħad, l-appellant lanqas jagħti spjegazzjoni tal-kwantita' ta' flus misjuba fil-pussess tiegħu u jekk dawn il-flejjes kenux jappartjenu lilu u l-provenjenza ta'l-istess. Huwa indubitat għalhekk li dak li qed jgħid l-appellant m'għandux mis-sewwa. Għalhekk, din il-Qorti ma tara li hemm ebda mottiv li jista' igiegħlha titbiegħed mill-fehma milħuq mill-Ewwel Qorti li, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, setgħat legalment u raġonevolment tasal sabiex issib ħtija a rigward l-ewwel erba' (4) imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, anke jekk il-prova magħmula permezz tal-impronti diġitali kienet inkonklussiva. Dan għaliex l-appellant ma jagħti l-ebda spjegazzjoni oħra li tista' tiġġustifika s-sejbien ta' kwantita' ta' droga diversa fil-pussess tiegħu u ċioe' fl-appartament fejn kien jirrisjedu u allura f'post li kien jaqa' taħt il-kontroll tiegħu.

> **"42. Issa sabiex tirrizulta kundanna ghar-reat tal-pussess aggravat ta' droga u dan meta jkun hemm il-pussess kostruttiv izda mhux dak materjali, il-Prosekuzzjoni trid necessarjament tipprova, u dan lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, zewg fatturi:**
>
> **i. Illi l-persuna akkuzata kellha x-xjenza dwar l-esistenza tad-droga.**
> **ii. Illi l-persuna akkuzata setghet tezercita il-kontroll fuq dik id-droga.[12]"**

Illi huwa indubitat illi l-appellant kellu xjenza dwar l-esistenza tad-droga fl-appartament tieghu. Dan jammetih hu stess. Ma hemmx dubbju lanqas illi huwa kellu kontroll sħiħ fuq l-istess u li l-pussess tad-droga ma kienx għall-użu personali tiegħu tenut kont tal-fatt illi *ex admissis* huwa isostni li ma jabbuzax mid-droga.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti qiegħda għalhekk tiċħad it-tieni aggravju mressaq mill-appellant.**

**Ikkunsidrat:**

[12] Appell Superjuri, ir-Repubblika ta' Malta vs Arnold Farrugia deċiża 26 ta' April 2018

Illi fit-**tielet aggravju** minnu imqanqal, l-appellant jikkontesta s-sejbien ta' ħtija għas-sitt imputazzjoni, li mhix akkuża fiha innifisha, iżda aggravanti għar-reat ta' pussess aggravat ta' droga li allegtament ġie kommess f'distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, *club* jew ċentru taz-zgħazagħ, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu z-zgħazagħ. L-appellant jargumenta li *supermarkets, bars* u ristoranti ma jistgħux jitqiesu bħala postijiet li jikkwalifika ai fini biex tinstab ħtija għal dan l-aggravanti, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti.

Illi l-Ewwel Qorti iddeċidiet hekk dwar dan il-punt:

> **"Illi s-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat tirrigwarda l-aggravju tal-mitt metru u dana ai termini tal-proviso ta' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:**
>
> **"Izda wkoll meta persuna tinsab hatja kif provdut filparagrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) u r-reat ikun sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh [...], il-piena tizdied bi grad."**
>
> **Illi fir-rapport tieghu (Dok. "RA 1" – a fol. 144 et seq.), il-Perit Richard Aquilina rrelata, fost l-ohrajn, hekk: "l-esponent gie nnominat sabiex jaghmel pjanta tal-lokalita' fejn jinsab il-fond "The Meadows" go Triq l-Alka, Bugibba, u fiha jindika l-postijiet fejn jistghu jiltaqghu z zghazagh, liema postijiet huma f'distanza ta' mhux aktar minn mitt metru minn dan il-fond " (a fol. 145). F'dan ir-rapport, il-Perit Aquilina ndika s-segwenti li jaqghu f'distanza ta' mitt metru: San Pawl Hotel, Russian House Supermarket, Jester Take-Away, Santa Maria Resort, A Mancata Restaurant, Frank's Tavern Restaurant, Oasis Tours, Tis Tours, New China Kingdom Restaurant, San Anton Resort, Spaghetti Junction Restaurant, u 7 Whites Bar & Restaurant.**
>
> **Illi fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (a fol. 384 et seq.) id-difiza tissottometti li fir-rapport tieghu l-Perit Aquilina rrelata li fil-vicinanzi ta' inqas minn mitt metro mill-fond fejn instabet id-droga hemm numru ta' ristoranti. Id-difiza taghmel riferenza biss ghal ristoranti. Kif jirrizulta mill-paragrafu precedenti ma kienx hemm ristoranti biss fil-vicinanzi tal-fond pero' kien hemm ukoll, fost l-ohrajn "supermarket" u "bar & restaurant"!**
>
> **Mehud in konsiderazzjoni dan kollu jirrizulta li s-sitt (6) imputazzjoni ossia aggravju gie wkoll pruvat."**

Illi l-espert il-Perit Richard Aquilina jiġi maħtur mill-Ewwel Qorti , bl-inkarigu li jħejji pjanta li tindika l-post fejn kien jabita l-appellant (u fejn instabet id-droga in kwistjoni), u ċioe l-fond "*The Meadows*", Triq l-Alka, San Pawl il-Baħar u l-postijiet li jinsabu f'distanza ta' mhux aktar minn mitt metru mill-istess u li fihom jistgħu jiltaqgħu iż-żgħażagħ. Mill-istess relazzjoni[13], wieħed jinnota li f'distanza ta' mitt metru minn fejn instabet id-droga, hemm is-segwenti stabbilimenti:

i. San Pawl Hotel
ii. Oasis Tours
iii. Russian House Supermarket
iv. Tis Tours
v. Jester Take-Away
vi. New China Kingdom Restaurant
vii. Santa Maria Resort
viii. San Anton Resort
ix. A Mancata Restaurant
x. Spaghetti Junction Restaurant
xi. Frank's Tavern Restaurant
xii. 7 Whites Bar & Restaurant

Illi, l-appellant jargumenta li ebda wieħed minn dawn l-istabbilimenti ma jaqgħu fid-definizzjoni tal-liġi kif imfassal fl-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101, u dana għaliex dawn huma stabbiliment frekwentati minn kulħadd u mhux bħala regola normali u speċifikatament miż-żgħazagħ. Illi l-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant għandu raġun f'dan l-ilment minnu ventilat. Ma taqbilx mar-ragjonament ta'l-Ewwel Qorti illi necessarjament għaliex post jiġi ikklassifikat bħala *supermarket* jew *bar* u *restaurant* allura dan jaqa' <u>awtomatikament</u> fid-definizzjoni tal-ligi fl-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101.

> **"Meta l-legislatur ipprovda li r-reat ikun aggravat (fis-sens li l-piena tizdied bi grad) jekk isir "fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh…" huwa kien qed jipprovdi ghal kriterju oggettiv u determinat biss mid-distanza proprju ghax il-postijiet imsemmija huma tali li lejhom jew qribhom tfal u zghazagh itendu li jiggravitaw indipendentement mill-hin tal-gurnata jew mill-jum tal-gimgha, u**

[13] a folio 144 ta' l-Atti Proċesswali

**indipendentement minn jekk l-iskola, club, centru ecc. ikunx dak il-hin miftuh jew maghluq.[14]"**

Issa huwa indubitat illi l-ebda wieħed mill-istabbilmenti indikati mill-perit arkitett, espert tal-Qorti, ma jaqa' fid-definizzjoni ta' skola, *club*, jew ċentru taż-żgħażagħ. L-Ewwel Qorti tikkonkludi li l-aggravanti jirriżulta ippruvat semplicement għax fil-viċinanzi hemm *supermarket* u *bars* u ristoranti. Illi mhuwiex sufficjenti għall-finijiet ta' provi li l-prosekuzzjoni tindika l-eżistenza ta' dawn l-istabbilmenti li jinstabu fil-parametru tal-mitt metru u li allura ma jaqgħux b'mod speċifiku taħt dawk il-postijiet indikati fil-liġi, u ċioe' skola, *club* jew ċentru, izda trid ukoll iġġib xi prova li l-imsemmija stabbilimenti huma wkoll postijiet "simili" fejn "normalment" jiltaqgħu ż-żgħażagħ[15]. L-Ewwel Qorti ma setatx tikkonkludi b'għajnejha magħluqa illi stabbilimenti bħal *supermarkets, bars* u ristoranti huma postijiet fejn normalment jikkongregaw iż-żgħażagħ, ukoll għaliex mit-tip ta' negozju hemmhekk ġestit ma hemm l-ebda somiljanza mal-ġestjoni ta' skola, *club* jew ċentru. Illi allura bl-istess raġjonament kull post f'Malta u Għawdex jista' jaqa' taħt id-definizzjoni tal-liġi billi ma jidhirx illi hemm xi stabbiliment jew lok fejn iż-żgħażagħ huma miżmuma milli jiffrekwentaw. Illi l-għan tal-leġislatur kien illi jiġu mħarsa dawk il-postijiet li, fil-kwotidjanita' taghhom, huma ffrekwentati minn tfal u żgħażagħ, aktar milli minn nies adulti tant illi jindika b'mod specifiku l-iskejjel, ic-centri u il-klabbs iffrekwentati miż-żgħażagħ u postijiet simili. Kwindi nieqsa il-prova mill-Prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, illi l-istabbilimenti ndikati mill-espert tal-Qorti jew mill-inqas xi wieħed minnhom huwa xi post fejn 'normalment' jiltaqgħu iż-żgħażagħ, l-aggravanti ċertament ma jistax jirriżulta ippruvat u l-Qorti qed tilqa' dan l-aggravju imqanqal mill-appellant u għalhekk ser tgħaddi biex tvarja il-piena inflitta fil-konfront tiegħu.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell *in parte*, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata. Tikkonfermaha fejn din sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet minn numru wieħed (1) sa ħamsa (5), fejn ikkundannat lill-ħati għal ħlas ta'l-ispejjeż peritali fit-termini ta'l-artikolu 533 tal-**

[14] App. Inf. "Il-Pulizija vs. Jason Xuereb" deċiza fid-9 ta' Ġunju 2009,

[15] Ara sentenza App. Inf. Il-Pulizija vs Addie Magri deciza 12 ta' Jannar 2011

**Kodiċi Kriminali fl-ammont ta' €4182.37, fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga eżebita u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li permezz tagħhom sar ir-reat u ta' kull flejjes, proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-ħati, iżda tvarjaha fejn din sabet lill-appellant ħati tas-sitt imputazzjoni u għalhekk tgħaddi biex tilliberah mill-istess. Tvarja ukoll il-piena inflitta, u tikkundanna lill-appellant għal piena ta' sentejn priġunerija u il-ħlas ta' multa ta' tlett elef ewro (€3,000).**

Edwina Grima

Imħallef